# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2015**

**Kawza Numru : 3**
**Referenza Kostituzzjonali Numru : 55/2013/LSO**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Iancuba Balde`**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-Referenza Kostituzzjonali maghmula mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti ppremettiet li rat il-verbal li sar mid-difensur tal-akkuzat **Iancuba Balde' waqt**

**is-seduta** tal-15 ta' Lulju 2013 li fih talab referenza kostituzzjonali ghaliex allega li l-att tal-akkuza jivvjola l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema artikolu huwa sahansitra inderogabbli fi zmien il-gwerra. Qed jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tal-artikolu 13 tal-istess konvenzjoni u fuq kollox tal-artikolu 1 tal-istess Konvenzjoni li jorbot lill-Istati Membri ghall-osservanza tal-Konvenzjoni u tas-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea. Il-qofol tal-kwistjoni huwa d-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skont l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 li biha jista' jiddeciedi li akkuzat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew inkella quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuzat irrefera ghall-kaz 'Camilleri vs Malta' deciz mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta' Jannar 2013.

L-istess difensur irrefera wkoll ghall-artikolu 49 tal-kaz Balitskiy vs Ukraine (Applikazzjoni Numru 12793/03 tat-3 ta' Novembru 2011 li jghid dan li gej:

***'In the circumstances of the case, the Court considers it necessary to determine what consequences may be drawn from Article 46 of the Convention for the respondent State. Article 46 of the Convention reads as follows:***

***"1. The High Contracting Parties undertake to abide by the final judgment of the Court in any case to which they are parties.***

***2. The final judgment of the Court shall be transmitted to the Committee of Ministers, which shall supervise its execution."***

***49. The Court reiterates that Article 46 of the Convention, as interpreted in the light of Article 1, imposes on the respondent State a legal obligation to implement, under the supervision of the Committee of Ministers, appropriate general and/or individual measures to secure the right of the applicant which the Court has found to have been violated. Such measures must also be taken in respect of other persons in the applicant's position, notably by solving the problems that have led to the Court's findings (see Scozzari and Giunta v. Italy [GC] nos. 39221/98 and 41963/98, 8 249. ECHR 2000-VHl', Christine Goodwin v. the United Kingdom [GC], no. 28957/95. § 120, ECHR 2002-VI; Lukenda*** **v.** ***Slovenia, no. 23032/02, § 94, ECHR 2005-X; and S. and Marper*** **v.** ***the United Kingdom [GC]. nos. 30562/04 and 30566/04. § 134, ECHR 2008-...). This obligation has been consistently emphasised by the Committee of Ministers in the supervision of the execution of the Court's judgments (see. for example. ResDH(97)336, IntResDH(99)434. IntResDH(2001)65 and ResDH(2006)1). In theory it is not for the Court to determine what measures of redress may be appropriate for a respondent State to take in accordance with its obligations under Article 46 of the Convention. However, the Court's concern is to facilitate the rapid and effective suppression of a***

***<u>shortcoming found in the national system of protection of human rights.'</u>***

Rat li fl-istess verbal, l-Avukat Generali rremetta ruhu ghal dak li tghid il-Qorti.

Rat il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Kriminali fejn irribadiet li ghal dawk li huma fatti, m'hemm xejn x'wiehed wisq jghid hlief li l-akkuzat ghandu tliet kapi ta' akkuza - assocjazzjoni, importazzjoni u pussess aggravat - li kollha ghandhom x'jaqsmu mad-droga kokaina taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-bqija t-talba ghar-riferenza hija msejsa fuq lanjanza li hija strettament ta' natura legali u mhux dwar xi fatti li sehhu waqt is-smigh.

Il-Qorti rriferiet ghall-paragrapfu 44 fil-kaz 'Camilleri versus Malta' deciz fit-22 ta' Jannar 2013 u li issa saret definittiva:

**‘44. In the light of the above considerations, the Court concludes that the relevant legal provision (120A (2) of Chapter 31) failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided by Article 7.'**

Il-Qorti kkonsidrat inoltre, li minhabba li l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 huwa simili ghall-artikolu 120A(2) tal-Kap 31, dak li ntqal fil-paragrafu precedenti jista' japplika *mutatis mutandis* ghall-artikolu 22(2) tal-Kap 101.

Ikkonsidrat

7. Din il-Qorti ma ssib ebda difett fl-Att tal-Akkuza ghaliex dan jikkonformi ma' dak li jistipula l-Kap 9.

Il-Qorti Kriminali imbaghad ikkonsidrat hekk:

**"Artikolu 7**

8. Il-Qorti tirreferi kemm ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem moghtija fit-22 ta' Jannar 2013 kif ukoll ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti stabbiliet vjolazzjoni tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni fejn il-punt ta' dritt kien simili. Barra din id-decizjoni, f' dan l-ahhar jiem kien hemm ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-1 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet 'Joseph Camilleri vs Avukat Generali' fejn il-Qorti qalet hekk:

***'Il-fatt li, skont il-Qorti Ewropea l-akkuzat li allegatament wettaq ir-reat seta' ma kienx jaf il-massimu tal-piena li seta' kien soggett ghalih jekk jinqabad u jinstab hati, m'ghandux izomm is-smigh innifsu tal-kaz, li hija haga indipendenti mill-prevedibbilita' o meno tal-piena.'***

**L-artikoli 13 u 1 tal-Konvenzjoni**

9. L-abbli avukat difensur irrefera ghal zewg artikoli ohra. L-artikolu 13 huwa dwar ir-rimedju disponibbli ghall-allegat ksur. Skont id-difensur dan ir-rimedju ma jezistix u dan

meta wiehed jikkonsidra wkoll id-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali aktar 'il fuq imsemmija.

10. Dwar l-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni, il-Qorti, wara li rat il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, innutat li dan l-Ewwel Artikolu mhux inkluz fl-Iskeda. Ghalhekk ma jistax ikun invokat quddiem il-Qrati taghna. Isegwi li l-Qorti qed tichad it-talba ghar-riferenza safejn il-lanjanza tirreferi ghall-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

11. Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkonsidrat il-kazistika hawn fuq imsemmija, il-lanjanza dwar l-artikoli 7 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (u l-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni) mhix wahda frivola u / jew vessatorja u jidhrilha li ghandha tirreferi l-kaz limitatament ghal dawn l-artikoli.

12. Ghalhekk qed tirreferi d-domanda li gejja ghall-konsiderazzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili:

**'Jekk meta l-Avukat Generali applika d-diskrezzjoni tieghu skont l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 f'dan il-kaz kienx qed iwassal ghall-ksur tal-artikoli 7 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni minhabba li dan l-artikolu tal-Kap 101 huwa nieqes mill-*foreseeability* li trid il-Ligi Kriminali biex ikun salvagwardji effettivi kontra piena arbitrarja kif ukoll minhabba li ma jezistix rimedju ghal tali ksur'.**

Rat ir-referenza kostituzzjonali pprezentata fit-22 ta' Lulju 2013 u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-Hamis 5 ta' Settembru 2013 fl-10:00a.m. u ordnat n-notifka tal-istess rikors lill-intimat b' ghoxrin (20) jum zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 4 ta' Novembru 2013 ghar-riferenza Kostituzzjonali maghmula mill-Qorti Kriminal skont digriet mahrug fit-22 ta' Lulju 2013 (fol 237) fejn espona :-

1 Illi preliminarjament għalkemm skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** l-Avukat Ġenerali huwa mgħobbi bir-responsabbilità li jiddeċiedi l-qorti fejn għandu jiġi pproċessat persuna akkużat b'reati konnessi ma' mediċini perikolużi, dana ma jfissirx li din id-diskrezzjoni tiegħu ma tistax tiġi sindikata mill-Qrati tagħna, fis-sens jekk din id-deċiżjoni tteħditx *rite et recte*;

Tabilħaqq bħal kull deċiżjoni oħra mogħtija mill-fergħa Eżekuttiva tal-Istat, anke din l-għażla tal-Avukat Ġenerali li jibgħat persuna għall-ġuri jew le, tista' tkun soġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju kif kontemplat taħt l-**Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jew għall-kompetenza residwa tal-Qrati ordinarji;

Għalhekk jekk Iancuba Baldè ħass li l-Avukat Ġenerali eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu ħażin, abbużivament, impreviddibilment, illegalment, b'mod diskriminatorju jew irraġonevolment huwa jekk ried dejjem seta' jattakka dik id-

deċiżjoni tiegħu quddiem il-qrati kompetenti. Issa jekk huwa ma attakkax din id-diskrezzjoni fil-ħin u fiż-żmien li ssemmi l-liġi, dan ifisser li huwa ssokkomba għal dik id-deċiżjoni jekk mhux ukoll li huwa kien qiegħed jaċċetta li dik id-deċiżjoni kienet waħda xierqa fiċ-ċrkostanzi tal-każ;

Fis-sewwa mbagħad l-mertu tar-riferenza mhijiex jekk il-piena nfisha hijiex prevedibbli, dan għaliex il-parametri tal-piena fil-liġi huma ċari u stabbiliti bejn sitt xhur u għomor il-ħabs. Jiġifieri bniedem li bi ħsiebu jwettaq reat konness mad-drogi jaf li jista' jeħel sa għomru l-ħabs. Diversament il-pern tar-riferenza hija jekk il-mod kif l-Avukat Ġenerali juża' d-diskrezzjoni tiegħu jagħmilx il-piena prevedibbli jew le. Allura ladarba l-kwistjoni kollha hija relatata mal-mod kif l-Avukat Ġenerali jħaddem din id-diskrezzjoni tiegħu, dan iwaqqa' l-vertenza kollha fuq il-pjan soġġettiv u mhux fuq il-pjan oġġettiv. Naturalment biex wieħed jista' jeżamina jekk id-deċiżjoni soġġettiva tal-Avukat Ġenerali kinitx prevedibbli jew le wieħed irid iħares lejn il-fattispeċji tal-każ u lejn deċiżjonijiet meħuda minnu fil-passat. *S'intendi* mbagħad jekk xi ħadd iħoss jew jemmen li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali f'każ partikolari ma kinitx prevedibbli jew ma kinitx proporzjonata ma' każijiet simili, dak li jkun dejjem għandu l-jedd li jipprova jiċċensura dik id-deċiżjoni quddiem il-Qrati;

Għaldaqstant ladarba d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali mhijiex insindikabbli u l-akkużat huwa mogħti l-opportunita` li jikkontesta dik id-deċiżjoni allura ma tqum l-ebda kwistjoni ta' prevedibbilita` jew ta' inċertezza peress li l-kejl

tal-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali dejjem jista' jkun soġġett għall-għarbiel u l-kontroll tal-qrati;

2. Illi b'mod preliminari wkoll għalkemm illum għandna s-sentenza ta' ***Camilleri vs. Malta***, dan ma jfissirx li din tagħmel tajjeb jew tgħodd għall-każ preżenti. Kif inhuwa sew magħruf f'dawn iċ-ċirkostanzi, kull każ għandu storja u fattispeċji pekuljari għalih. Propriju f'dan il-każ, l-ammont, il-valur u t-tip tad-droga li qed jiġi mixli dwarhom Iancuba Baldè huma totalment differenti minn dawk li kien akkużat bihom John Camilleri fil-kawża deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Illi anke kieku stess, wieħed irid iqis li din is-sentenza tal-Qorti Ewropea ma torbotx u ma toħloqx preċedent fuq il-qrati tagħna. Intqal a propożitu mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Josephine Bugeja vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża fis-7 ta' Diċembru 2009, li l-Qrati tagħna mhumiex marbuta bil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, "*sia għal dawk li huma prinċipji ġenerali ġurisprudenzjali u sia ghal dawk li huma l-konsegwenzi prattiċi meta dawk il-prinċipji jiġu applikati għall-każ konkret – u dan pererss illi, apparti li s-sistema tagħna ma tabbraċċjax id-dottrina tal-preċedent jew tal-istare decisis, il-ECHR mhix parti mis-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna*";

4. Illi fuq kollox imbagħad wieħed irid iqis li l-Qrati tagħna f'għadd ta' sentenzi esprimew il-fehma tagħhom li d-diskrezzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-**artikolu 120(2) tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta** u fl-**artiklolu 22 tal-**

**Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** ma hijiex bi ksur tal-**Kostituzzjoni** u **tal-Konvenzjoni Ewropea**. Biżżejjed jissemmew is-sentenzi ***Godfrey Ellul vs. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' April 2006 u ***Claudio Porsenna vs. Avukat Ġenerali*** maqtugħa wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2012;

5. Illi mingħajr ħsara għall-premess, irrispettivament minn dak li ġie enunċjat dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponent xorta jemmen bi sħiħ li l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali skont l-**artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** la tikser l-**artikolu 7** u **13 tal-Konvenzjoni Ewropea** u wisq aktar l-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni;**

***Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni***

6. Illi safejn ir-riferenza tinsab imsejsa fuq l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni**, huwa evidenti għall-aħħar li dan huwa għal kollox intempestiv għaliex ladarba Iancuba Baldè għadu ma nstabx ħati u allura lanqas għadu biss ġie kkundannat kif jista' b'xi mod jiġi argumentat li ġarrab leżjoni li ġie kkundannat għal reat u piena li mhumiex imsemmija fil-liġi. Wisq loġikament biex wieħed ikun jista' jqanqal kwistjoni taħt l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew l-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni** wieħed irid bilfors juri li huwa nstab ħati ta' reat li, meta jkun sar, ma jkunx meqjus bħala reat mil-liġi jew inkella li juri li huwa ngħata piena aktar ħarxa

minn dik li kienet tapplika meta ġie kommess ir-reat. F'dan il-każ, il-ġuri ta' Iancuba Baldè għadu lanqas biss beda allura ma jistax jingħad li ġarrab vjolazzjoni tal-prinċipji *nullum crimen sine lege* u *nulla poena sine lege*;

7. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, jingħad fi kwalunkwe każ, li ma hemm xejn fil-lokuzzjoni tal-**artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** li joħloq inċertezza jew imprevedibbilità la dwar l-elementi tar-reat u wisq aktar dwar il-piena. Il-liġi sostantiva dwar ir-reati li bihom jinsab mixli Iancuba Baldè hija ċara u tgħodd għal kull min ikun fil-qagħda tiegħu;

8. Illi għalkemm l-Avukat Ġenerali skont il-liġi jista' jagħżel li jibgħat lill-akkużat jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, b'daqshekk dan ma jnaqqas xejn mill-prevedebbilità (*foreseeabilty*) tal-liġi. Dan għaliex sew jekk il-każ jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati u sew jekk jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali l-elementi li jikkostitwixxu r-reat jibqgħu l-istess. Fejn tidħol il-piena imbagħad, għalkemm huwa minnu li hemm differenza fil-parametri, skont fejn jiġi proċessat l-akkużat, madankollu llum anke bl-għejun ta' ġurisprudenza voluminuża u kostanti f'dan il-qasam, wieħed faċilment jista' jiddeċifra meta huma dawk is-sitwazzjonijiet li jimmilitaw akkuża quddiem il-Qorti Kriminali u dawk li jimmilitaw għal akkuża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

9. Illi propriju fil-każ ta' Iancuba Baldè, tenut kont li huwa kien jinsab mixli dwar droga kokaina fi kwantità qrib

il-kilogramma, ma kienx hemm l-ebda dubju fl-esperjenza riċenti, li n-natura tal-akkuża tiegħu kienet ser tattira l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali. Tabilħaqq Iancuba Baldè ma jistax jgħid li kien sorpriż għaliex intbagħat quddiem il-Qorti Kriminali u mhux quddiem dik tal-Maġistrati peress li l-ammont kbir u t-tip tad-droga perikoluża (kokajina) li bihom kien qiegħed jiġi akkużat kienu indikazzjoni ċara biżżejjed li huwa kien sejjer jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Għarbiel tad-deċiżjonijiet passati juri li f'Malta kull min kien akkużat bi droga kokajina fl-ammont ta' iktar minn 300g, kollha kemm huma ġew proċessati mill-Qorti Kriminali. Issa f'dan il-każ Iancuba Baldè jinsab mixli fil-konfront ta' kokajina f'ammont nett ta' 764.43 gramma. Għalhekk ma kienx hemm lanqas l-iċken dubju li dan kien ħa jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali;

10. Illi *multo magis* imbagħad, għalkemm fl-istadju tal-arrest is-suspettat ma jkunx għadu formalment avżat quddiem liema qorti l-każ tiegħu sejjer jinstema', madankollu minn dakinhar li huwa jitressaq il-Qorti, din l-inkonsapevolezza tisfa fix-xejn. Dan għaliex fil-preżentata tal-akkużat, l-Avukat Ġenerali jindika b'mod formali l-Qorti li quddiemha l-imputat ser ikun proċessat. Għalhekk mal-preżentata tiegħu l-imputat isir jaf sa mill-bidunett kemm liema qorti sejra tiddeċiedi l-każ tiegħu kif ukoll il-parametri tal-piena li jista' jeħel f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Propriju f'dan il-każ, Iancuba Baldè ġie mressaq il-Qorti għall-ewwel darba fil-15 ta' Ġunju 2011 (ara l-verbal immarkat bħala **Dok. AG 1**) u dakinhar stess kien ġie esibit mill-Uffiċjal Prosekutur l-Ordni tal-Avukat Ġenerali skont l-**artikolu**

**22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huwa kien sejjer jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu – kopja ta' din l-Ordni qed tiġi hawn mehmuża u mmarkata bħala **Dok. AG 2**;

11. Illi l-effetti **tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni** u tal-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni** jissoktaw mill-mument li persuna titressaq il-Qorti għalhekk id-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali '*at pre-trial stage'* f'każijiet li jikkonċernaw reati ta' droga, m'għandhiex ikollha l-effett li toħloq inċertezza jew nuqqas ta' prevedibbilità għaliex ladarba l-Avukat Ġenerali jieħu d-deċiżjoni tiegħu mill-ewwel fejn ser jipproċedi bl-akkużi, minn hemmhekk l-akkużat ikun jaf sew kemm fuq in-natura tar-reat li jinsab mixli bih u kif ukoll il-parametri tal-piena ta' kemm jista' jeħel fl-ipoteżi ta' sejbien ta' ħtija għaliex dawn huma sew delinejati fl-**artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta**;

12. Illi dak li tassew jiswa għall-finijiet tal-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa li l-akkużat ikun jaf bi preċiżjoni l-parametri tal-minimu u massimu tal-piena eventwalment erogabbli kontra tieghu f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Fil-mument tal-preżentata tiegħu, l-imputat minnufih ikun f'qagħda li jkun jaf eżatt kemm jista' jeħel bħala piena jekk jinstab ħati. Għalhekk ladarba meta jibda l-proċess kriminali quddiem il-Qorti Kriminali jew tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-termini tal-**artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-imputat ikun jaf il-parametri tal-piena li jista' jeħel, allura wieħed ma jistax jitkellem fuq ebda stat ta' inċertezza;

13. Illi saħansitra meta ntemmet il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja u l-Avukat Ġenerali fuq il-bażi tal-provi miġbura ddeċieda li joħroġ l-att tal-akkuża, Iancuba Baldè ġie mgħarraf kemm bl-artikoli li taħthom qiegħed jiġi mixli u anke l-piena li jista' jeħel fl-eventwalità ta' sejbien ta' ħtija;

14. Illi wkoll għandu jitqies bħala fattur rilevanti l-fatt li Iancuba Baldè qatt ma esprima xi kritika jew dubju dwar il-valutazzjoni u l-għażla tal-Avukat Ġenerali li jassoġġettah għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali. Fis-sens li huwa fl-ebda ħin ma allega li kien ħaqqu li jiġi proċessat mill-Qorti tal-Maġistrati u mhux mill-Qorti Kriminali. Bħalma lanqas ma indika b'liema mod din id-diskrezzjoni ġiet imwettqa b'mod inaspettat jew imprevedibbli. Anzi jiġi rilevat li fl-ewwel dehra huwa ammetta għall-akkużi dedotti kontra tiegħu;

15. Illi naturalment jinkombi fuq Iancuba Baldè li juri li huwa raġonevolment kien qed jipprevedi li sejjer jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u mhux quddiem il-Qorti Kriminali u li l-Avukat Ġenerali ħa deċiżjoni li ma kinitx mistennija;

16. Għaldaqstant il-mod kif l-Avukat Ġenerali applika d-diskrezzjoni tiegħu skont l-**artiklolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** la kienet tmur kontra l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** u lanqas kontra l-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni**;

## *Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea*

17. Illi safejn ir-riferenza tikkonċerna l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**, tajjeb li jingħad li Iancuba Baldè kellu rimedji ordinarji bħall-istħarriġ ġudizzjarju biex jissindika d-diskrezzjoni użata mill-Avukat Ġenerali fil-każ tiegħu. Għalhekk mhuwiex il-każ li huwa m'għandux rimedji domestiċi biex jattakka d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali;

18. Illi barra minn hekk, Iancuba Baldè għandu wkoll ir-rimedju kostituzzjonali quddiem il-qrati nazzjonali skont il-proċedura mfissra **fir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qorti u l-Bon Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)**. F'proċeduri ta' din l-għamla l-Qorti tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet u libertajiet fondamentali skont il-Konvenzjoni Ewropea;

19. Jiġi b'hekk li mhuwiex il-każ li r-rikorrenti m'għandux rimedji nazzjonali biżżejjed tajba biex jissalvagwardjaw il-jeddijiet fundamentali tiegħu;

20. Fl-aħħarnett ħadd mill-istituzzjonijiet Maltin ma huwa ħa jagħlaqlu jew ixekkilu l-aċċess lejn il-Qorti Ewropea jekk wara li huwa jinqeda mir-rimedji domestiċi huwa jkun jixtieq jirrikorri permezz ta' petizzjoni quddiem l-organi ġudizzjarji fi Strasburgu. Dan huwa dritt mogħti lil kulħadd skont **l-artikolu 5 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex it-tweġiba għar-riferenza kostituzzjonali magħmula mill-Qorti Kriminali permezz ta' digriet datat 22 ta' Lulju 2013, tkun fis-sens li f'dan il-każ il-mod kif l-Avukat Ġenerali eżeċita d-diskrezzjoni tiegħu taħt il-**Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** la tikser l-**artikolu 7** u **13 tal-Konvenzjoni Ewropea** u wisq aktar l-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.**

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata 24 ta' Frar 2014 a fol 287 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fosthom dak tas-26 ta' Marzu 2015 fejn meta ssejhet il-kawza fid-9:55a.m. deher Dr Christian Falzon Scerri ghall-Avukat Generali. L-akkuzat u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza fl-10:05a.m. rega' deher Dr Christian Falzon Scerri ghall-Avukat Generali. L-akkuzat ma giex prodott mill-Awtoritajiet. Dr. Joe Brincat imsejjah tliet darbiet ma deherx. Deher l-interpretu Edwin Pace. Billi l-akkuzat ma deherx, ma kienx mehtieg l-inkarigu tieghu illum. Il-Qorti rat il-verbal taghha tal-15 ta' Jannar 2015 fejn ordnat li ssir it-trattazzjoni llum u sabiex wara l-kaz jibqa' ghas-sentenza. Dr Falzon Scerri tratta l-punti tal-kawza fil-qosor. Il-kawza gie differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent. Dr Joe Brincat msejjah

tliet darbiet ma deherx. Deher Dr Christian Falzon Scerri ghar-Repubblika ta' Malta. Il-Qorti rat il-verbal taghha tat-30 ta' April 2015, rat li l-kopji rikjesti ma gewx esebiti; rat il-verbal taghha tas-26 ta' Marzu 2015 fejn il-Qorti kienet ordnat li ssir trattazzjoni imbaghad wara l-kawza tithalla ghas-sentenza; rat id-digriet taghha tas-16 ta' April 2015 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sakemm jigi deciz rikors ipprezentat quddiem il-Qorti Kriminali. *Stante* dak kolu premess irrievokat *contrario imperio* d-digriet taghha tas-16 ta' April 2015 u ddefferixxiet l-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Settembru 2015 fid-9:30 am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din hija sentenza fuq Referenza Kostituzzjonali maghmula mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Lulju 2013, fl-att tal-akkuza numru 24/2012, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Iancuba Balde'** wara li saret talba ghar-Referenza mill-akkuzat.

Ir-Referenza tinqara hekk:

**'Jekk meta l-Avukat Generali applika d-diskrezzjoni tieghu skont l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 f'dan il-kaz kienx qed iwassal ghall-ksur tal-artikoli 7 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni minhabba li dan l-artikolu tal-Kap 101 huwa nieqes mill-*foreseeability* li trid il-Ligi Kriminali**

**biex ikun salvagwardji effettivi kontra piena arbitrarja kif ukoll minhabba li ma jezistix rimedju ghal tali ksur'.**

**L-Avukat Generali** ressaq diversi eccezzjonijiet preliminari u sostantattivi. In linea preliminari eccepixxa li d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali trid tigi ezercitata *rite et recte* u konsegwentement hija soggett ghas-sindakar tal-Qrati *ai termini* tal-**Artikollu 469A tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta.** Gjaladarba l-kejl tal-gudizzju tal-Avukat Generali dejjem jista' jkun soggett ghall-gharbiel u kontroll tal-Qrati ma tqum l-ebda kwistjoni ta' imprevedibbilita' jew incertezza; fit-tieni lok ic-cirkostanzi fattwali fil-kaz **Camilleri v Malta** kienu differenti ghal dawk tal-kaz in ezami kwantu ghall-valur u ghat-tip tad-droga; fit-tielet lok is-sentenza imsemmija tal-Qorti Ewropea ma tohloqx precedent fuq il-Qrati taghna[1] u inoltre l-Qrati taghna f'diversi sentenzi ppronunzjaw ruhhom fis-sens li l-artikolu 22 tal-Kap.101 ma hijiex bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.[2] Riferibbilment ghall-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni** u tal-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni,** l-intimat eccepixxa l-intempestivita` tar-riferenza in kwantu li l-akkuzat ghadu ma instabx hati tal-akkuza u kkundannat. Fil-mertu ma hemm xejn fil-lokuzzjoni tal-**artikolu 22 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta** li johloq incertezza jew

[1] L-Avukat Generali jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bugeja v Avukat Generali et. -**QK - 7 ta' Ottubru 2009.

[2] L-Avukat Generali jaghmel riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Godfrey Ellul v Avukat Generali -**QK - 27 ta' April 2006; u **Claudio Porsenna v Avukat Generali -** QK - 16 ta' Marzu 2012.

imprevedibbilita' la dwar l-elementi tar-reat u wisq aktar dwar il-piena. Riferibbilment ghall-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni,** eccepixxa li l-akkuzat seta' javalla minn rimedji ordinarji bhal dak tal-istharrig gudizzjarju tad-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali oltre rimedju kostituzzjonali ghall-ordni appozitu, oltre ghar-rimedju mill-qorti Ewropea wara li jinqeda mir-rimedji domestici *ai termini* tal-**artikolu 5 tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**FATTI**

Il-fatti li taw lok ghall-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat mhumiex ikkontestati. L-akkuzat tressaq taht tlett kapi ta' akkuza - assocjazzjoni, importazzjoni u pussess aggravat - li kollha kellhom x'jaqsmu mad-droga kokaina taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-fatti kif johorgu mill-att tal-akkuza jirrizulta li l-akkuzat hu mixli li ingerixxa sitta u sittin (66) kapsola u garr fuqu tlettax-il kapsola (13) ohra li b'kollox kienu jikkontjenu ammont nett ta' 764.63 grammi tad-droga b' purita' ta' madwar 47.3%. L-akkuzat tressaq quddiem il-Qorti Kriminali bl-applikazzjoni tad-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali *ai termini* tal-artikolu **22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta).** Waqt is-smigh quddiem il-Qorti Kriminali,[3] l-akkuzat talab li ssir ir-referenza odjerna, liema talba intlaqghet fit-termini fuq imsemmija.

[3] Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013

**L-artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi hekk:

*"Kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont kif jordna l-Avukat Generali, u jekk tinsab hatja tehel, ghal kull reat:-...."*

Illi jidher minnufih li din id-disposizzjoni ma taghtix kriterji taht liema cirkostanzi persuna akkuzata ghandha titressaq quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati kif lanqas ma taghti kriterji dwar ghaliex il-kaz jigi deciz minn Qorti u mhux minn ohra, u dan *nonostante* illi l-konsegwenzi huma ferm differenti minn xulxin u jgibu maghhom pieni b'pizijiet differenti minn xulxin. Infatti filwaqt illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-massimu tal-piena li persuna akkuzata tista' tehel hija prigunerija ghal ghaxar snin, quddiem il-Qorti Kriminali il-perjodu analogu hu ta' ghomor prigunerija. *Di piu`* l-pieni pekunjarji huma wkoll ferm differenti.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt marbutin mal-kaz in ezami</u>**

Il-Qorti tibda biex tghid li l-ezami taghha huwa cirkoskritt mit-termini tar-Referenza kostituzzjonali fejn il-Qorti hija mitluba tiddetermina jekk id-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali bl-artiklu 22(2) tal-Kap 101 hijiex leziva tal-**artikoli 7 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-**

**Ligijiet ta' Malta,** ('l quddiem imsejjah "**Il- Konvenzjoni**"), u tal-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ('l quddiem imsejha "**Il-Kostituzzjoni").**

Kazijiet simili gja gew decizi mill-Qrati taghna, kif ukoll mill-Qorti ta' Strasbourg u l- gurisprudenza hija ormai stabbilita. Qed issir riferenza ghas-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Godfrey Ellul v Avukat Generali** (dec.fis-27 ta' April 2006), **Claudio Porsenna v AG -** (dec. fis-16 ta' Marzu 2012), **Joseph Lebrun v Avukat Generali,** u **Martin Dimech v Avukat Generali**, it-tnejn decizi fis-16 ta' Settembru 2014, u ghas-sentenza li giet ippronunzjata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Daniel Alexander Holmes v Avukat Generali et** (dec. fil-15 ta' Marzu 2015). Il-Qorti Kostituzzjonali f'dawn is-sentenzi, traccjat il-gurisprudenza f'dak li jirrigwarda d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali f'akkuzi migjuba taht l-**artiklu 22(2) tal-Kap 101 kif ukoll taht l-artiklu** identiku **120A(2) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta,** fid-dawl tal-garanziji sanciti bl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni, u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

Ghandu jinghad ukoll li fil-kaz **John Camilleri v Malta,** ccitat mill-akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali u ghal liema wkoll hemm riferenza mill-istess Qorti Kriminali, il-Qorti Ewropea ddecidiet li l-**artikolu 120A(2) tal-Kap 31,** li huwa redatt f'termini identici ghall-artiklu in ezami, kien leziv tal-**artiklu 7 tal-Konvenzjoni** billi "*it failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards*

*against arbitrary punishment as provided in **Article 7".***[4] Gjaladarba sabet tali vjolazzjoni, il-Qorti Ewropea ma komplietx tikkonsidra l-allegat lezjoni tal-artiklu 6.

Jigi senjalat, izda, li fil-kaz **John Camilleri v Malta**, il-fatti kienu differenti ghal kaz in ezami billi John Camilleri kien gie misjub hati mill-Qorti Kriminali tal-akkuzi migjuba kontrih, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali u b'hekk f'dak il-kaz il-proceduri kriminali kienu diga` defenittivament konkluzi bis-sejbien ta' htija kontra tieghu.

L-akkuzat, fil-kaz odjern, ghadu ma instabx hati tal-akkuzi peress li l-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti kriminali. Din id-distinzjoni, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem, hija fatali ghat-tezi tal-akkuzat ippernjata fuq l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

**<u>Eccezzjoni ta' Intempestivita'</u>**

Fic-cirkostanzi, l-qorti ser tghaddi biex tezamina minnufih l-eccezzjoni tal-intempestivita' ssollevata mill-Avukat Generali peress li, f'kaz li din l-eccezzjoni tintlaqa', isegwi necessarjament li ma jkunx hemm il-htiega li din il-Qorti tezamina l-mertu tal-kwistjoni ssollevata bir-Referenza kostituzzjonali riferibbilment ghall-allegat vjolazzjoni tal-artikoli 7 u tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

**L-art. 7 tal-Konvenzjoni.**

[4] Din is-sentenza saret finali fis-27 ta' Mejju 2013.

**L-artikolu 7 *de quo*** fil-parti relevanti tiegħu jaqra hekk:

*"[1] Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali*[5] *minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma jkunux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat krimininali jkun sar*."

**L-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi:-

"*Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reati kriminali minnhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tifi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."*

F'sentenza ricenti taghha fl-ismijiet **Martin Dimech v Avukat Generali,**[6] il-Qorti Kostituzzjonali rrovexxjat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha billi l-akkuzat f'dawk il-proceduri kien ghadu ma nstabx hati mill-Qorti Kriminali, u ppronunzjat ruhha hekk :-

*"9. Minn din id-disposizzjoni ghandu jirrizulta car li sabiex tikkonfigura l-lezjoni hemm kontemplata jehtieg li jkun hemm sejbien ta' htija ta' reat kriminali. Dan huwa pre-*

---

[5] Sottolinear tal-Qorti.
[6] deciza fis-16 ta' Settembru 2014

*rekwizit essenzjali ghall-ezami tal-punt jekk giex vjolat id-dritt fundamentali hemm protett. Din il-konsiderazzjoni tirrizulta cara mid-dispozizzjoni de qua u tinsab sostnuta mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Hekk fil-**kaz Mirchev and Others v. Bulgaria**[7] dik il-Qorti osservat:*

*"The Court considers that the applicants cannot claim to have been "victims"within the meaning of article 34 of Convention under Article 7.1 of the Convention by the mere opening of criminal proceedings against them. The proceedings remained at the stage of the preliminary investigation and never resulted in actual convictions and punishment."*

*10. Fil-kaz **Avukat Jose` Herrera nomine v. Avukat Generali**, din il-Qorti[8], diversament komposta, esprimiet li hi tal-istess fehma u cioe` li ghall-applikabbilita` tal-Artikolu 7.1 jehtieg li jkun hemm sejbien ta' htija. Hija ccitat bran mill-ktieb **Law of the European Convention on Human Rights**[9] li jghid:*

*"The wording of Article 7.1 is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence [X v Netherlands, Appl.7512/76]. A prosecution that does not*

[7] 71605/01, deciza 27 Novembru 2008
[8] Q.K. 1/2010, deciz 13 April 2011
[9] **Harris , O'Boyle & Warbrick -** 2 ed. pp.332. Fil-kaz imsemmi Herrere noe v Avukat Generali, r-rikorrent kien gie liberat mill-akkuza migjuba kontrih u ghalhekk ma setax jinghad li nstab hati ta' reat kriminali.

*lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7."*

Il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li t-talba hija wahda intempestiva billi ma kienx ghad hemm sejbien ta' htija u kwindi l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni** hija prematura.

F'dan is-sens ukoll huwa l-opinjoni tal-istess awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** "*Law of the European Convention on Human Rights"* (3rd.ed)[10] "*The wording of art.7(1) is limited to cases in which a person is ultimately held guilty of a criminal offence."*[11]*A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under article 7 - at least not by means of an individual application"*[12]

Din il-linja ta' hsieb regghet giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Republic of Malta v Nelson Mufa** u **The Republic of Malta v Nelson Ndubisi Ndah**[13]**.** Fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Nelson Mufa l-Qorti irriteniet li:

*"On this issue this court refers to its considerations made in a recent case **'Ir-Repubblika v. Matthew Zarb et.'** decided on the 6th February 2015 where this court, after quoting*

[10] P.494.
[11] *Guilty' has an autonomous convention* meaning (**X.v. Netherlands. No. 7512/76,6 DR 184(1976).**
[12] L-awturi jghidu "*A State application may question the compatibility with Article 7 of a law in abstracto.*
[13] It-tnejn moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-2 ta' Marzu 2015.

*local and European case-law,* [14]*decided that Article 7 was not applicable since the case was still pending and therefore the applicant could not be considered as being "held guilty", in terms of the said article, of the criminal charges brought against him. For this reason, the issue regarding the constitutionality or otherwise of Article 22(2) of Chapter 101 raised at this stage must be considered as premature."*

Din l-Qorti tikkondividi din l-interpretazzjoni u tqis li l-kwistjoni imqanqla bir-Referenza kostituzzjonali hija wahda intempestiva *stante* li ma jissussistux il-presupposti fattwali li jaghtu lok ghall-applikazzjoni tal-**artikolu 7 u tal-artikolu 39(8) tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament.** Dan salv ir-riserva li l-ilment issollevat ghandu jigi mistharreg biss wara li jinghalqu definitivament il-proceduri kriminali.

## ATT XXIV tas-sena 2014

Inoltre ma tistax tinjora l-emendi introdotti fil-mori ta' dawn il-proceduri bis-sahha tal-Att XXIV tas-sena 2014 billi huma rilevanti ghall-mertu tat-talbiet odjerni u tajjeb li din il-Qorti taghmel riferenza ghalihom.

---

[14] Q.Kos. App.84/13 Joseph Lebrun vs Avukat Generali, u Q.Kos.61/13 Martin Dimech v Avukat Generali, it-tnejn decizi fis-17 ta' Settembru 2014; App.C 1/2010. Avukat Jose' Herrera nomine v Avukat Generali, deciza fit-13 ta' April 2011; ECHR Mirchev and Others v Bulgaria, Appl.71605/01 deciza fis-27 ta' November 2008;

Permezz tal-imsemmija ammendi l-artiklu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat fil-mori ta' dawn il-proceduri bl-**Att. XXIV tas-sena 2014**,[15] fis-sens li sabiex tingħata direzzjoni skont is-subartikolu (2), l-Avukat Ġenerali għandu debitament jikkunsidra l-linji gwida inklużi fir-Raba' Skeda ta' din l-Ordinanza. Ukoll b'effett ta' dawn l-emendi, fejn persuna qed jistenna li jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali taht ordni moghtija bl-artiklu 22(2), huwa jista' jitlob lill-istess Qorti Kriminali sabiex jigi ggudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'talba maghmula sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2015.[16] Dan ir-rimedju huwa wkoll applikabbli ghall-akkuzat Iancuba Balde' b'effett tad-disposizzjoni transitorja tal-Att u infatti jirrizulta mill-atti li ipprezenta talba quddiem il-Qorti Kriminali.

B'rikors quddiem din il-Qorti tal-14 ta' April 2015 huwa talab li tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sakemm jigi deciz ir-rikors imsemmi. Baqa' ma informax lill-Qorti dwar l-ezitu tar-rikors tieghu u din il-Qorti, b'Digriet taghha tad-9 ta' Lulju 2015 halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Settembru 2015.

Dwar l-effett tar-rimedju offrut permezz ta' dawn l-ammendi, l-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz imsemmi **The Republic of Malta v Nelson Mufa** ddefiniet il-pozizzjoni hekk ghal dak li hu rilevanti ghall-ezami odjern:

[15] Klawzola 88.
[16] Din id-data hija estensjoni fuq id-data originali, introdotta b'ammenda bl-Att VIII.2015.41 *VIII. 2015.41.*

*"Moreover, respondent's arguments in this regard are fatally weakened by two considerations, one of fact and the other of law. The first consideration is that, by virtue of the recent amendments made by Act XXIV of 2014 to the relevant provisions of Chapter 101, which came into force on the 14th August 2014 and with effect from that same date, the accused has been granted the right of appeal, pending the criminal proceedings, to the Criminal Court from the Advocate General's decision. Therefore now the said Advocate General's discretion has been made subject to judicial review thereby eliminating the possible exercise of "unfettered discretion" and any possibility of arbitrariness in the use of his discretion.*

*The second consideration is that respondent Nelson Mufa, availing himself of this change in the law, has filed an application before the Criminal Court challenging the Advocate General's decision that his case be decided by the Criminal Court. By a decree given on the 23rd October 2014, the said Court however dismissed the application primarily on the grounds of the "amount of drugs involved [total 639.90 grams] and the purity contained (sic)."*

Fil-kaz odjern il-Qorti mhix infurmata dwar l-ezitu tar-rikors tal-akkuzat ipprezentat quddiem il-Qorti Kriminali. Madanakollu taqbel mal-fehma li b'dawn l-emendi, d-decizjoni tal-Avukat Generali hija assoggettata ghas-sindakar ta' Qorti indipendenti u imparzjali kif ukoll cirkoskritta b'linji gwida li huma elenkati fir-Raba' Skeda annessa mal-Att. B'hekk id-diskrezzjoni tieghu m'ghadhiex

*unfettered* fis-sens misjub mill-Qorti Ewropea u lanqas arbitrarja jew imprevedibbli. Inoltre dawn l-emendi normattivi huma accessibbli ghall-kull persuna u maghrufa lill-membri tal-professjoni legali li jistghu jaghtu pariri lill-patrocinati taghhom. Il-Qorti Kriminali tista' wara li taghmel l-ezami taghha, tibghat il-kaz biex jinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn japplikaw il-pieni ridotti.

Ghaldaqstant il-Qorti tal-fehma li anke jekk wiehed jipprexxindi mill-fattur ta' sejbien ta' htija li, kif jirrizulta huwa pre-rekwizit ghall-applikazzjoni tal-artikolu 7 (u tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni), l-emendi hekk introdotti ugwalment jeliminaw l-aspetti lezivi tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali.

**L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni**

Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

"*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."* (Sottolinear tal-Qorti).

Madanakollu, kif jispjegaw l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick[17] fejn, wara li jaghmlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Silver and others v UK[18]** jghidu

[17] Law of the European Convention on Human Rights (3rd edition) pp 766-777
[18] A 61 (1983) EHRR 382 para 113 dec 28 ta' Marzu 1983

"*the Article (13) applies only to those with an 'arguable claim' that he or she is a victim of a violation of the Convention."*

Hekk ukoll gie ritenut fil-kaz **Baka v Hungary :-** " *Article 13 requires a remedy in domestic law only in respect of grievances which can be regarded as "arguable" in terms of the Convention (see Boyle and Rice v. the United Kingdom, 27 April 1988, § 52, Series A no. 131)."*.[19]

Fid-decizjoni pjuttost recenti tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz ***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** [GC][20] moghti fis-17 ta' Lulju 2014 dawn il-principji gew hekk imfissra:

*"Article 13 of the Convention guarantees the availability at the national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their Convention obligations under this provision. The scope of the obligation under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint under the Convention. Nevertheless the remedy required by Article*

[19] ECtHR- 27 ta' Mejju 2014 para 109.
[20] App Nru 47848/08

*13 must be "effective" in practice as well as in law. In particular, its exercise must not be unjustifiably hindered by the acts or omissions of the authorities of the respondent State (see Paul and Audrey Edwards v. the United Kingdom, no. 46477/99, §§ 96-97, ECHR 2002-II).*[21]" (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in ezami il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuzat Iancuba Balde' ma jistax jigi kkonsidrat bhala *vittma* ta' lezjoni pretiza minnu kif inkwadrata fir-Referenza Kostituzzjonali. Kif gja inghad, l-ewwel premessa sabiex issir talba (*claim)* abbazi ta' lezjoni tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni hija li l-applikant gie "*misjub hati",* liema fatt ghadu ma avverax. (Ara is-sentenza **Mirchev and Others v. *Bulgaria*** citat ante).

Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li anke fir-rigward tal-allegat lezjoni tal-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni** ma hemmx ksur ta' dan l-artikolu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** li twiegeb il-kwezit tal-Qorti Kriminali fis-sens li:

**Issib li l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali skont l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet**

[21] Para 148.

**ta' Malta f'dan il-kaz ma jwassalx ghall-ksur tal-Artikoli 7 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minnhabba li tenut kont li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti u li ghalhekk l-akkuzat ghadu ma nstabx hati, l-imsemmija Artikolu 7 u artikolu 39(8) tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament huma inapplikabbli f'dan l-istadju u ghall-istess raguni, ma ssibx li hemm lezjoni tal-istess artikoli u tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea salv li l-akkuzat jista' jerga' jissolleva l-lanjanzi tieghu meta l-proceduri kriminali jigu definittivament terminati.**

**In kwantu ghall-aspett ta' prevedibbilta' sollevata fir-Referenza, twiegeb ghar-Referenza Kostituzzjonali fis-sens li ma ssibx li hemm lezjoni tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni *stante* li din il-kwistjoni hija intempestiva ghar-ragunijiet spjegati.**

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Qorti Kriminali.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-akkuzat Iancuba Balde'.

**Moqrija.**

*29 ta’ Settembru 2015.*

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Settembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru 2015**